MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 66/2007/1

Lorenza sive Laura Vella.

Vs

Gaudos Development Limited.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Lorenza sive Laura Vella, fejn wara li esponiet :

1. Illi hija Lorenza sive Laura vella għamlet ftehim ossija konvenju mas-socjeta' intimata Gaudos Development Limited sabiex hija tixtri l-flat bin-numru ħdax (11) fil-korp bini magħruf bħala 'Pavillion Court' fi triq il-Wieħed u Tletin ta' marzu, fil-Victoria, Għawdex.

2. Illi dan il-konvenju sar fl-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors bħala Dokument 'A';

3. Illi mal-iffirmar tal-ftehim imsemmi l-esponenti ħallset lis-soċjeta' intimata s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) kif jirriżulta mill-ewwel kundizzjoni tal-istess ftehim li qed jiġi anness bħala Dokument 'A';

4. Illi sussegwentement l-istess esponenti Laura Vella ħallset pagamenti oħra. Wieħed ta' sebat'elef lira Maltin (LM7.000) fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u li tiegħu tħalliet irċevuta mis-soċjeta' Gaudos Development Limited kopja ta' liema irċevuta qed tiġi annessa bħala dokument 'B'. Pagament ieħor kien tal-istess ammont ta' sebat'elef lira maltin (Lm7.000) u sar fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u li tiegħu tħalliet ukoll irċevuta li kopja tagħha qed tiġi annessa bħala dokument 'C';

5. Illi b'hekk b'kollox l-esponenti ħallset lis-soċjeta' intimata sbatax-il elf lira maltin (Lm17,000) bħala depożitu;

6. Illi l-kuntratt ta' bejgħ qatt ma sar u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet tal-esponenti sabiex isir dan il-kuntratt. Il-konvenju skada u qatt ma gie mġedded;

7. Illi l-esponenti Laura Vella interpellat lis-soċjeta' konvenuta divesi drabi sabiex tirrifondi d-depożitu ta' sbatax-il elf lira maltin (Lm17,000) iżda din baqgħet inadempjenti;

8. Illi dan l-ammont huwa wieħed ċert, likwitu u dovut mis-socjeta' Gaudos Development Limited lill-esponenti Laura Vella;

9. Illi safejn taf l-attriċi s-socjeta konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra din it-talba.

Talbet lis-soċjeta' intimata Gaudos Development Limited, tgħid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex :

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artiklu 167 sa 171 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta Gaudos Development Limited għandha tagħti lil Lorenza sive Laura Vella s-somma ta' sbatax-il elf lira Maltin oltre l-imgħaxijiet fuq l-iesss somma;

3. Tordna lill-istess soċjeta' konvenuta sabiex tħallas dan l-ammont flimkien mal-imghaxijiet relattivi lill-attrici Laura Vella.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali ta' April 2007 u ittri interpellatorji kollha kontra l-intimat Gaudos Development Limited li tiba' minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' l-istess rikorrenti anness mar-rikors guramentat taghha.

Rat ukoll id-dokumenti esebiti ma' l-istess rikors, u ċioe' bħala dokument 'A', kopja tal-ftehim ta' l-għaxra (10), ta' Settembru, elfejn u tlieta (2003); bħala dokument 'B', kopja ta' l-irċevuta datata tletin (30) ta' Ottubru, elfejn u tlieta (2003); u bħala dokument 'C', kopja ta' l-irċevuta datata t-tmienja (8) ta' Novembru, elfejn u erbgħa (2004).

Rat ukoll ir-riferta pożittiva tas-soċjeta' intimata illi ġiet notifikata b'dan ir-rikors guramentat fil-wieħed u tletin (31) ta' Lulju elfejn u sebgħa (2007); kif ukoll bl-appuntament għas-smiegħ ta' din il-kawża, kif ukoll bl-appuntament tas-smiegħ ta' din il-kawża, liema riferta ġġib id-data ta' l-erbatax (14) ta' Settembru, elfejn u sebgħa (2007).

Innutat illi ħadd ma deher għas-soċjeta' intimata, minkejja illi ssejħet tlett darbiet fl-udjenza tal-lum.

Wara li eżaminat id-dokumenti kollha esebiti, u billi ma jirriżultax illi s-soċjeta' intimata ghandha raġunijiet tajba illi tista' tagħti biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet, tiddikjara lis-soċjeta'

konvenuta Gaudos Development Limited għandha tagħti lil Lorenza sive Laura Vella, s-somma ta' sbatax-il elf lira maltija (Lm17,000), oltre l-imgħaxijiet fuq l-istess somma, tordna lill-istess soċjeta' konvenuta sabiex tħallas dan l-ammont flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi, lill-istess attriċi Laura Vella, mid-data illi saru l-istess pagamenti, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż kollha inkluza dawk ta' l-ittra ufficjali ta' April 2007, u ta' l-ittri interpellatorji kollha mibgħuta minn l-istess attriċi kontra s-soċjeta intimata' Gaudos Development Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------